# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 54

**20 ta' Frar, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-6.30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3))**

**Freank Roe - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 54.1 Qari Ta' Ittri Ta' Apoloġiji

**54.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Frank Roe li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba kien ma jiflaħx. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.**

### 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**54.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.**

**Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

### 54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**54.3.1 Is-Sindku Max Zammit stqarr li l-kunsill ta' Ta' Xbiex irċieva imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun biex tittieħed deċiżjoni dwar kontravenzjonijiet li għadhom pendenti li inagħtaw fil-lokalita' tagħna bejn l-2012 u l-2015. Il-kunsill għandu jiddeċiedi jekk ir-Reġjun jibgħatx l-ittri legali u l-flus li jirċievu jinagħtaw lil kunsill lokali tagħna.**

**Il-kunsillier E Muscat ippropona li niktbu lil Transport Malta biex naraw jekk il-kontravenzjonijiet tħallsux diġa. Il-kunsillier R Portelli staqsa x'jiġri jekk ikun hemm persuna li jkollha iktar minn ċitazzjoni waħda. Is-Sindku Max Zammit u l-kunsilliera L Cachia Castelletti ssuġġerew li għandna nevalwaw l-possibilitajiet kollha u jekk naraw li hemm ħafna spejjeż nipproponu lir-Reġjun biex l-spejjeż involuti u d-dħul għandhom jinqasmu bejn ir-Reġjun u l-kunsill ta' Ta' Xbiex.**

**Il-Kunsill qabel li għandna niktbu lir-Reġjun u nistaqsu d-domandi li qajjem il-kunsill biex tkun tista tittieħed deċiżjoni. Is-Sindku Max Zammit ippropona li jekk l-affarijiet jibqgħu ma jkunux ċari niltaqgħu mal-avukat tar-Reġjun.**

**Il-Kunsill qabel.**

**54.3.2 Is-Sindku Max Zammit innota li s-Segretarju Eżekuttiv għaddielu nformazzjoni li l-*camera* li twaħħlet fi Triq l-Imradd għada mhux qiegħdha taħdem. Dan minħabba l-fatt li l-*internet* li sewa 15 Ewro inħela f'madwar 4 siegħat u b'hekk is-sistema mhux sostenibbli min naħa ta' *Green MT*. Is-Sindku Max Zammit ippropona li għandna naraw l-għażliet kollha possibli u naraw nistgħux ngħinu lil *Greent MT* biex iħaddmu s-sistema b'mod sostenibbli.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

**54.3.3 Is-Sindku Max Zammit stqarr li jekk ħa jibda ix-xogħol fuq il-bankina ta' Vjal Sir Temi Zammit, din għandha titlesta sa qabel il-festa tad-Duluri. Dan minħabba l-fatt li ma għandhomx jibdew il-festi u fl-istess ħin ikun hemm it-taqlib li jinvolvi miegħu ix-xogħol.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu**

**54.3.4 Is-Sindku Max Zammit ippropona wkoll li nuru *support* lill-knisja u lill-kappillan billi noffru l-elettriku f'xi toroq biex b'hekk, dawn ikunu jistgħu jiġu armati kif xieraq għall-festi ta' l-Għid il-Kbir. Is-Sindku Max Zammit kompla jgħid li apparti l-elettriku din l-inizjattiva ma tinvolviex spejjeż ulterjuri.**

**Il-Kunsill qabel mal-proposti tas-Sindku Max Zammit.**

## 54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**54.4.1 Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti staqsiet lis-Sindku Max Zammit biex jieħu f'konsiderazzjoni l-idea li nkellmu lil President ta' Malta biex l-attivita' ta' *Connecting through Culture* taqa taħt il patroċinju tagħha minħabba li din l-attivita' tippromwovi il-multikulturaliżmu, suġġett għal qalb il-President.**

**Is-Sindku Max Zammit ippropona li għandha issir laqgħa mal-President biex naraw x'jinvolvi dan il-patroċinju biex wara tkun tista tinagħta informazzjoni ulterjuri lill-kunsill biex tkun tista tittieħed deċiżjoni.**

**Il-kunsill qabel b'mod unanimu.**

## 54.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**54.5.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.**

**Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara il-kunsillier E Muscat ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.**

**Il-Kunsillier Ronnie Portelli issekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

## 54.5 Karnival f' Ta' Xbiex

**54.5.1 Is-Sindku Max Zammit innota li kien qiegħed jaħdem mas-Segretarju**

Eżekuttiv biex ikollna l-aħjar pakkett għal Karnival fil-Marina. Huwa stqarr li għal din d-darba intagħżel Mario Camilleri bħala ko-ordinatur. Is-Sindku Max Zammit innota li qegħdin jiġu kkunsidrati possibilitajiet differenti fosthom li jkollna banda b'20 bandist li jkunu libsien tal-karnival u dawn jagħmlu parata flimkien ma karattri sinonimi mat-tfal. Qiegħda tiġi wkoll ikkunsidrata il-possibilita' li jkollna *Pet Carnival* imma għadna qiegħdin nieħdu parir min nies li għandhom l-annimali għal qalbhom biex naraw x'reazzjoni jkun hemm mil-pubbliku in generali. Is-Sindku Max Zammit ippropona li l-attivita' għandha tibda għal ħabta tal-ħamsa u tispiċċa għal xid-disgħa ta' filgħaxija. Huwa ippropona ukoll li jerġa jkun hemm kompetizzjoni tal-kostum. Huwa innota li għal din il-kompetizzjoni għandhom jiġu maħtura tlett ġurati, titħejja mejda u jiġu mixtrijja tlett trofej. Is-Sindku Max Zammit stqarr li qiegħda issir pressjoni fuq il-ko-ordinatur biex jitħejja l-programm malajr kemm jista jkun biex dan jixxandar. Huwa propona wkoll li għandhom jiġu stampati madwar 500 poster biex dawn ikunu jistgħu jitwaħħlu fil-viċinanzi biex jiġu attirati nies minn lokalitajiet differenti.

Il-Kunsill qabel mal-proposti tas-Sindku Max Zammit

Il-kunsillier R Portelli staqsa ukoll x'issir jekk tkun ix-xita u l-karnival ma jsirx. Il-Kunsill qabel li għandna nistaqsu lil ko-ordinatur x'issir f'tali eventwalita.

## 54.6 Approvazzjoni tal-*quarterly accounts*

54.6.1 Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart tas-Sena Is-Sindku Max Zammit ressaq ir-Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart tas-sena. Il-Kunsillier E Muscat ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi, issekondat mill-Kunsillier Ronnie Portelli. Il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart tas-sena.

## 54.7 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2016

54.7.1 Is-Sindku Max Zammit ippreżenta l-*Financial Statements* tas-sena 2016, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega r-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li għal sena oħra, il-Kunsill għamel profitt, din is-sena ta' €11,087, li huwa ta' €33,256 iktar mis-sena ta' qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa jinsab kuntent bil-miljorament li qed jagħmel il-Kunsill fejn jidħlu finanzi. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier E Muscat u ssekondat mill-Kunsillier Ronnie Portelli, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 54.8 Approvazzjoni tal-*Management letter*

54.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-abbozz tal-*Management Letter* tal-

Awdituri, tal-perjodu Jannar sal-20 ta Settembru 2016. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa sodisfatt bir-riżultat ottenut, u fil-ġranet li ġejjien ser ikun qed jibgħat l-abbozz tar-risposta għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsilliera.

## 54.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.

**54.9.1** Il-Kunsillier E Muscat u l-kunsilliera L Cachia Castelletti ippreżentaw il-*logos* li ppreparaw għal Festa Rizzi biex din l-attivita' tkun reġistrata. Is-Sindku nnota li l-*logos* huma sbieħ it-tnejn u għaldaqstant ippropona li jittieħdu ideat mil-*logo* li ppreżentat il-Kunsilliera L Cachia Castelletti u jiġu ntrodotti fil-*logo* li ppreżenta l-kunsillier E Muscat.

Il-Kunsill qabel.

## 54.10 Rapporti mill-Kunsilliera

**54.10.1** Il-Kunsillier E Muscat ippropona biex man-*Notice Board* ta' ħdejn it-*telephone box* titwaħħal tabella biex turi li hija tal-kunsill ta' Ta' Xbiex. Huwa nnota wkoll li għandha titwaħħal *notice board* tal-kunsill ħdejn il-knisja. Is-Sindku Max Zammit innota li għandna nitolbu permess lil kappillan biex teħel in-*notice board*.

Il-Kunsill qabel.

**54.10.2** Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti nnutat li għandu jkun hemm ko-ordinazzjoni aħjar bejn il-kunsill u l-knisja biex b'hekk l-avvenimenti li jsiru ma jaħbtux ma xulxin. Is-Sindku Max Zammit innota li dan issir diġa u ta' l-eżempju tad-*dinner dance* li jsir f'Jannar u mhux f'Diċembru biex ma jaħbatx ma attivitajiet organiżżati mil-knisja. Il-kunsillier E Muscat ippropona li d-dati tal-avvenimenti għandhom jiġu deċiżi u jiġu mxandrin kmieni biex b'hekk ma jaħbtux ma l-attivitajiet tal-knisja. Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti innutat li jekk id-dati tal-attivitajiet ikunu deċiżi qabel ikunu jistgħu jiġu inklużi fil-kalendarju tal-knisja. Is-Sindku Max Zammit ippropona biex l-attivita' tal-Ġurnata Għawdex issir bejn l-aħħar ta' Awwissu u l-ġimgħa tal-Vitorja biex b'hekk ma taħbatx ma attivitajiet li jorganiżża l-kappillan.

## 54.11 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ħamis 23 ta' Marzu 2017.

**52.11.1** Il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum il-Ħamis 23 ta' Marzu, 2017.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFRIMATA** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |